MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1431/2002/1

**Avviz Numru 1431/02 AJD**
**UCIM Co. Ltd**

**vs**

**Paul Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u sittin lira Maltin (Lm1,360.00) rapprezentanti import ta' sbatax il-kambjala kollha ta' Lm80.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Jannar 2001 sa Mejju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. Sa 17).

Bl-imghax legalimill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm87.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2002 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm658.73), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Frar 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**